DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/799/KE, 2007/64/KE, 2009/300/KE, 2009/543/KE, 2009/544/KE, 2009/563/KE, 2009/564/KE, 2009/567/KE, 2009/568/KE, 2009/578/KE, 2009/598/KE, 2009/607/KE, 2009/894/KE, 2009/967/KE, 2010/18/KE u 2011/331/UE sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil ċerti prodotti

(notifikata bid-dokument C(2013) 3550)

(2013/295/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE [1], u b'mod partikulari l-punt (c) tal-Artikolu 8(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/799/KE tat-3 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti tal-istima u l-verifikazzjoni relatati mal-għoti ta' ekotikketta tal-Komunità għall-materjali li jtejbu l-ħamrija [2] tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/64/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti u r-rekwiżiti ta' stima u verifikazzjoni relatati għall-għoti ta' ekotikketta tal-Komunità għall-midja tat-tkabbir [3] tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE tal-12 ta' Marzu 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet [4] tiskadi fil-31 ta' Ottubru 2013.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/543/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-vernic ta' barra [5] tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/544/KE tat-13 ta' Awwissu 2008 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-vernic ta' ġewwa [6] tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn [7] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/564/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' post ta' kampeġġ [8] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/567/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lill-prodotti tessili [9] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/568/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għall-karta assorbenti [10] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/578/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lis-servizz ta' akkomodazzjoni turistika [11] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/598/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja lis-saqqijiet tas-sodda [12] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/607/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-kisi iebes [13] tiskadi fl-10 ta' Lulju 2013.

[1] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.
[2] ĠU L 325, 24.11.2006, p. 28.
[3] ĠU L 32, 6.2.2007, p. 137.
[4] ĠU L 82, 28.3.2009, p. 3.
[5] ĠU L 181, 14.7.2009, p. 27.
[6] ĠU L 181, 14.7.2009, p. 39.
[7] ĠU L 196, 28.7.2009, p. 27.
[8] ĠU L 196, 28.7.2009, p. 36.
[9] ĠU L 197, 29.7.2009, p. 70.
[10] ĠU L 197, 29.7.2009, p. 87.
[11] ĠU L 198, 30.7.2009, p. 57.
[12] ĠU L 203, 5.8.2009, p. 65.
[13] ĠU L 208, 12.8.2009, p. 21.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/894/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għal għamara tal-injam [1] tiskadi fl-1 ta' Diċembru 2013.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/967/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għall-kisi tessili tal-art [2] tiskadi fl-1 ta' Diċembru 2013.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għal kisi tal-injam tal-art [3] tiskadi fis-27 ta' Novembru 2013.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/331/UE tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal sorsi tad-dawl [4] tiskadi fis-6 ta' Ġunju 2013.

(17) Twettqet valutazzjoni biex tevalwa r-rilevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, stabbiliti minn dawk id-Deċiżjonijiet. Minħabba l-istadji differenti tal-proċess tar-reviżjoni għal dawk id-Deċiżjonijiet, huwa xieraq li jittawlu l-perjodi ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati li huma stabbilixxew. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjonijiet 2009/567/KE, 2009/543/KE, 2009/544/KE u 2009/598/KE għandu jittawwal sat-30 ta' Ġunju 2014. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjoni 2009/300/KE għandu jittawwal sal-31 ta' Ottubru 2014. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjonijiet 2006/799/KE, 2007/64/KE, 2009/894/KE u 2011/331/UE għandu jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2014. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjonijiet 2009/563/KE u 2009/568/KE għandu jittawwal sat-30 ta' Ġunju 2015. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjonijiet 2009/564/KE u 2009/578/KE għandu jittawwal sat-30 ta' Novembru 2015. Il-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjonijiet 2009/967/KE u 2010/18/KE għandu jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2015, filwaqt li l-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati stipulati fid-Deċiżjoni 2009/607/KE għandu jittawwal sat-30 ta' Novembru 2017.

(18) Id-Deċiżjonijiet 2006/799/KE, 2007/64/KE, 2009/300/KE, 2009/543/KE, 2009/544/KE, 2009/563/KE, 2009/564/KE, 2009/567/KE, 2009/568/KE, 2009/578/KE, 2009/598/KE, 2009/607/KE, 2009/894/KE, 2009/967/KE, 2010/18/KE u 2011/331/UE għalhekk għandhom jiġu emendati skont dan.

(19) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2006/799/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "materjali li jtejbu l-ħamrija" u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2014."

Artikolu 2

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2007/64/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "midja tat-tkabbir" u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2014."

Artikolu 3

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/300/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "televiżjonijiet", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Ottubru 2014."

Artikolu 4

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/543/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "żebgħa u l-verniċ ta' barra", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2014."

Artikolu 5

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/544/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "żebgħa u l-verniċ ta' ġewwa", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2014."

[1] ĠU L 320, 5.12.2009, p. 23.
[2] ĠU L 332, 17.12.2009, p. 1.
[3] ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32.
[4] ĠU L 148, 7.6.2011, p. 13.

Artikolu 6

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/563/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2015."

Artikolu 7

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/564/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "servizz ta' post ta' kampeġġ", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Novembru 2015."

Artikolu 8

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/567/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "prodotti tessili", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2014."

Artikolu 9

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/568/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "karta assorbenti", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2015."

Artikolu 10

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/578/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "servizz ta' akkomodazzjoni turistika", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Novembru 2015."

Artikolu 11

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/598/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "saqqijiet tas-sodod", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 2014."

Artikolu 12

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/607/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "kisi iebes", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Novembru 2017."

Artikolu 13

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/894/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "għamara tal-injam", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2014."

Artikolu 14

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/967/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "kisi tessili tal-art", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2015."

Artikolu 15

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2010/18/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "kisi tal-injam tal-art", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2015."

Artikolu 16

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/331/UE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "sorsi tad-dawl", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2014."

Artikolu 17

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni